# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur (EU Law)**

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 156/99

Reverendu Monsinjur Dun Joseph Vella Gauci

-vs-

Dolindo Cassar

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

"illi fil-harga tat-Times of Malta tad-19 ta' Lulju 1999 fl-ghaxar (10) pagna ta' l-istess harga gie ppubblikat artikolu li jgib il-firma tal-konvenut Dolindo Cassar.

Illi fit-tielet paragrafu ta' l-istess artikolu li jibda "Mgr. Vella Gauci's methods …..." filwaqt li jpoggi lill-attur fil-posizzjoni ta' giddieb u ta' min ma jafdahx, jaghmel insinwazzjonijiet li joffendu.

Illi l-artikolu kollu huwa ntenzjonat li jaghti malafama lill-attur, billi jattribwulu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku specjalment lejn it-tmiem ta' l-istess artikolu fejn l-istess konvenut jidher li jrid jattribwixxi certi fatti precizi ghall-fatt li l-attur jokkupa l-kariga ta' Arcipriet tal-Katidral ta' Ghawdex.

Illi l-attur ghandu nteress li jittutela l-ismu u giehu.

Talab li l-Qorti:

1. tiddikjara li l-artikolu stampat fil-harga tat-Times of Malta tad-19 ta' Lulju 1999 taht it-titolu "letting off of fireworks from the Citadel" u iffirmat mill-konvenut riprodott bhala Dok A jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur.

2. Tiddikjara li l-konvenut huwa hati ta' malafama.

3. Tillikwida l-kumpens xieraq dovut lill-attur in linea ta' danni sofferti mill-istess attur in segwitu ghal din il-malafama.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tieghu u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante illi l-editur tal-gurnal "The Times" li ppubblika l-artikolu in kwistjoni ma giex imharrek.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-artikolu in kwistjoni bl-ebda mod m'hu malafamanti jew espona lill-attur ghar-ridikolu izda ried jirribatti l-bosta skorrettezzi li ntqalu mill-attur fil-gimgha precedenti d-dehra ta' l-istess artikolu dwar il-kwistjoni tal-hruq tan-nar mic-Cittadella, x'uhud minn liema skorrettezzi huma fin-natura taghhom malafamanti.

3. Illi l-artikolu in kwistjoni huwa fattwalment korrett u sar in ezercizzju tal-liberta ta' l-esprezzjoni illi jgodi l-konvenut kemm fil-kapacita' personali tieghu kif ukoll bhala president tas-socjeta' filarmonika "La Stella", specjalment biex jirribatti l-attakki li saru b'mod massic mill-attur u nies imqabbda minnu fil-jiem precedenti d-dehra ta' l-sitess artikolu.

4. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu inkluz il-lista tax-xhieda hemm akkluza;

Rat l-atti.

Rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru 2000 fejn Dottor Alfred Grech (ghall-attur) issottometta illi z-zewg eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenut

m'humiex kompatibbli u l-konvenut f'dan l-istadju jrid jaghzel liema minnhom ser isostni.

Rat il-verbal tat-23 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dan il-punt bil-fakolta lill-partijiet li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-konvenut;

Ikkunsidrat:

Iz-zewg eccezzjonijiet li jikkostitwixxu l-bazi ta' din id-decizjoni parzjali, jaqraw testwalment kif hawn taht riportat:

1. subordinatament ….. l-artikolu in kwisjtoni b'ebda mod m'hu malafamanti jew espona lill-attur ghar-ridikolu izda rieh jirribatti l-bosta skorrettezzi li ntqalu mill-attur fil-gimgha precedenti d-dehra ta' l-istess artikolu dwar il-kwistjoni tal-hruq tan-nar mic-Citadella, x'uhud mil-liema skorrettezzi huma fin-natura taghhom malafamanti;

2. l-artikolu in kwistjoni huwa fattwalment korrett u sar in ezercizzju tal-liberta ta' l-espressjoni illi jgodi l-konvenut kemm fil-kapacita' personali tieghu kif ukoll bhala president tas-socjeta' filarmonika "La Stella", specjlament biex jirribatti l-attakki li saru b'mod masicc mill-attur u nies imqabbda minnu fil-jiem precedenti d-dehra ta' l-sitess artikolu;

L-attur qieghed jghid illi dawn iz-zewg eccezzjonijet huma inkompatibbli ma' xulxin, kwindi l-konvenut ghandu jaghzel min minnhom isostni.

Din il-Qorti ma tabqilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-attur. Fil-fehma taghha dak li sostanzjalment ecepixxa l-konvenut hu li

(a) il-kitba mhux malafamanti; u

(b) li l-kitba hija fattwlament korretta.

Veru illi l-konvenut donnu abbina ma' dawn l-eccezzjonijiet dik tal-"kompensazzjoni" jew "ritorsjoni", izda imkien ma qajjem l-eccezzjoni tal-verita' tal-fatti, kif donnu qieghed jippretendi l-attur. Kwindi din il-Qorti ma tara ebda inkompatibilita' bejn iz-zewg eccezzjonijiet.

F'dan l-istadju ghalhekk tiddeciedi illi z-zewg eccezzjonijet, ossia t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati u eccepiti mill-konvenut mhumiex inkompatibbbli wiehed ghall-iehor. Tordna l-prosegwiment tal-kawza u tiddiferixxi ghall-provi ta' l-attur.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur